V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9529 — BC Partners/Vista Equity Partners/Advanced Kompjuter Software Group)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 307/05)

1. Fit-3 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— BC Partners LLP ("BC Partners", ir-Renju Unit), li tagħti konsulenza lil BC European Capital X permezz tal-imsieħba ġenerali tagħha BCEC Management X Limited,

— Vista Equity Partners Management LLC ("Vista Equity Partners", l-Istati Uniti tal-Amerika), li tiġġestixxi lil Vista Equity Partners Fund VII L.P.,

— Advanced Kompjuter Software Group Ltd ("Advanced", ir-Renju Unit).

Il-fondi li jirċievu konsulenza minn BC Partners LLP u l-fondi ġestiti mill-Vista Equity Partners Management jakkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Advanced. Advanced bħalissa hija kumpanija tal-portafoll ikkontrollata biss mill-Vista Equity Partners.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— BC Partners: ditta ta' ekwità privata li tipprovdi konsulenza ta' ġestjoni tal-investiment lill-investituri finanzjarji,

— Vista Equity Partners: ditta tal-investiment li hija ffukata fuq is-software, id-data u negozji mħaddma mit-teknoloġija,

— Advanced: fornitur tas-software (inklużi soluzzjonijiet ta' modernizzazzjoni) u servizzi ta; cloud u servizzi ġestiti tal-IT lill-klijenti fis-settur pubbliku u fis-settur privat.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [2] jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9529 — BC Partners/Vista Equity Partners/Advanced Kompjuter Software Group

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË